MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' April, 2004

Talba Numru. 1744/2003

**Adrian Aquilina**

**vs**

**Lydia Gambin**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta’ Settembru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta’ tlett mija u tnejn u tletin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm332.32) rapprezentanti danni mgarrba mill-attur bhala konsegwrenza ta’ ncident awtomobilistiku li sehh fid-19 ta’ Gunju 2002 fi Triq Alfons Maria Galea, B’Kara wara li l-konvenuta li kienet qed issuq il-vettura DAJ 697 tat-tip Fiat Uno habtet mal-vettura tal-attur bin-numru IAC 907 tat-tip Ford Fiesta u dan kollu minhabba traskuragni, mperizja u nuqqas ta’ tharis tar-egolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenuta.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 13 ta’ Frar 2003.

Ra r-Risposta tal-konvenuta fejn hija eccepiet is-segwenti:-
L-esponenti tirrespingi l-allegazzjonijiet kollha maghmula mill-attur, u kontenuti fl-Avviz tat-Talba bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ghall-incident in kwistjoni kien unikament responsabbli l-attur, kawza ta’ mprudenza, imperizja u nuqqas ta’ osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.
Bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-attur li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Sema’ xx-hieda ta’ PS393 Charles Azzopardi, tal-attur Adrian Aquilina u tal-konvenuta. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kawza tirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fid-19 ta’ Gunju 2002, fi Triq Alfons Maria Galea, B’Kara bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAC 907 misjuqa mill-attur Adrian Aquilina u l-vattura bin-numru tar-registrazzjoni DAJ 697 misjuqa mill-konvenuta Lydia Gambin.

L-attur xehed li huwa kien qed idur ghal Triq Alfons Maria Galea u malli dar sab il-vettura misjuqa mill-konvenuta ma wiccu. Huwa deherlu li din il-vettura kienet qed tinstaq b’velocita’ eccessiva. Huwa jghiid ukoll li kien hemm spazju zghir hafna bejn il-vettura tieghu u tal-konvenuta meta hu raha l-ewwel darba u jispjega li huwa kien fuq sajdu meta sehh l-impatt. L-attur jammetti wkoll li ma waqafx qabel ma dar il-kantuniera sabiex dahal fi Triq Alphonse Maria Galea. Il-hsara fil-vettura tal-attur kienet fuq quddiem.

Il-konvenuta min-naha l-ohra xehdet lli hija kienet qed issuq il-vettura taghha fi Triq Alphonse Maria Galea, fuq sajda izda ftit il-barra peress  li kien hemm il-vetturi parkeggjati man-naha tax-xellug taghha. Hija kienet qed

tipprocedi ghad-dritt meta f''daqqa wahda sabet il-vettura tal-attur ma wiccha wara li dan kien dar il-kantuniera minn triq laterali. Il-konvenuta tghid ukoll li hija ghafset il-brake malli rat il-vettura tal-attur u tispjega li l-hsara fil-vettura taghha kienet fil-bieba tas-sewieq u fil-mudguard.

Fil-fehma tat-Tribunal l-attur ghandu jitqies unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku mertu ta' din il-kawza stante li huwa qabad u hareg fuq it-'through road' ta' 'T-junction' minghajr ma waqaf sabiex jesplora t-triq li kien diehel fiha. Kif diga' ntqal aktar il-fuq l-attur ammetta in kontro-ezami li huwa ma waqafx qabel ma dar il-kantuniera. Mill-iskizz jidher li huwa kellu vizwalli fit-tul fid-direzzjoni minn fejn kienet gejja l-konvenuta u ghalhekk kieku waqaf kif huwa tenut jaghmel kull sewwieq prudenti llii ser jidhol f'main road jew f'through road, huwa kien jara l-vettura tal-konvenuta qed tavvicina u b'hekk kienet tigi evitata l-habta. Irid jigi rilevat li l-attur xehed lli l-vettura li kien hem parkeggjata man-naha tax-ellug tieghu bl-ebda mod ma effetwatlu l-vizwali u skond it-Tribunal dan ikompli juri kemm l-attur kien negligenti fis-sewqan tieghu ghaliex kellu vizwali ininterrotta u li keiku waqaf u esplora t–triq kien jinduna bi-vettura tal-konvenuta u kien jevita l-habta.

L-attur sostna li l-koonvenuta keinet qed issuq b'velocita' eccessiva izda dan il-fatt bl-ebda mod ma gie pruvat. Apparti l-fatt li l-attur ma setghax jara lill-konvenuta gejja b'velocita' eccessiva ghaliex huwa stess stqarr li sab il-vettura tal-konvenuta ma' wiccu malli dar il-kantuniera, irid jinghad ukoll li l-brake marks riportati fuq l-iskizz wara l-vettura tal-konvenuta huma minimi u jindikaw velocita' ta' maadwar 35 kilometru fis-siegha, liema velocita' taqa' sew fil-parametri tal-limiti ta' velocita' ghall-lokalita' fejn sehh l-incident.

Mill-iskizz jidher li l-konvenuta kienet qed issuq lejn nofs it-triq izda ma tidhirx li kienet qed issuq fuq in-naha l-hazina tat-triq.. Inoltre jrid jigi rilevat li s-ssurgent tal-pulizija li nvestiga l-kaz gibed l-attenzjoni tat-Tribunall li l-vetturi li jkun hemm fil-'parking bay' li jidher man-naha tal-lemin tal-vettura tal-konvenuta dejjem ikunu spporguti l-barra mill-linja li tiddemarkahom minn wara peress lli dawn il-

‘parking bays’ huma zghar. Dan jirrizulta wkoll mir-ritratti esebiti mill-attur stess (a fol. 15). Dan jikkorobora dak li qalet il-konvenuta fis-sens li hija bilfors kellha tigbed lejn nofs it-triq minhabba dawn il-vetturi. It-Tribunal jidhirlu li fi kwalunkwe kaz il-causa prossima tal-incident keinet il-manuvra imprudenti tal-attur li qabad u hareg ghal fuq it-through road minn wara kantuniera minghajr ma waqaf sabiex jesplora t-triq.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddecidi billi jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes jithallsu nterament mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------